MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 198/1998/1

.Carmela mart Salvu Grima .

vs

Lawrence Portelli ;
Antonia mart Joseph Saliba ;
Pawla mart Joseph Schembri ;
Josephine mart Anthony Cassar ;
George Portelli ;
Maria mart Luigi Grech .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet :

Illi fis-sitta (6) ta' Marzu tal-elf disa' mija u disgħa u sebgħin (1979) miet f'Victoria, Għawdex missier il-kontendenti George Portelli iben il-mejtin Carmelo u Carmela nee' Farrugia mwieled u kien joqgħod Victoria,

Għawdex li rregola s-successjoni tiegħu permezz ta' testment tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tal-elf disa' mija u erbgħa u sebgħin (1974) fl-atti tan-Nutar Antonio Galea li permezz tiegħu oltre xi legati ħatar b'eredi universali tiegħu lill-uliedu l-kontendenti fuq imsemmija fi kwoti ugwali w indiviżi bejniethom (Dok. A u B).

Illi fit-tletin (30) ta' Diċembru tal-elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) mietet fil-Fontana, Għawdex, omm il-kontendenti Dolores Portelli bint il-mejtin Carmelo Borg u Maria Concetta nee' Cordina, li rregolat s-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tal-elf disa' mija u erbgħa u sebgħin (1974) fl-atti tan-Nutar Antonio Galea u testment ieħor tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru tal-elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) fl-atti tan-Nutar Michael Refalo li permezz tagħhom oltre xi legati ħatret b'eredi universali tagħha lill-uliedha l-kontendenti fuq imsemmija (Dok  C u D) ;

Illi permezz ta' nota ppreżentata quddiem din il-Qorti fil-kompetenza tagħha bħala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja l-attriċi rrinunzjat għall-eredita' tal-imsemmija Dolores Portelli waqt li żammet fermi l-jeddijiet tagħhom għall-leġittima skond il-Liġi ;

Illi l-attriċi trid li tiġi diviża bejnha u l-konvenuti l-eredita' tal-imsemmi George Portelli u li tiġi assenjata lilha l-leġittima li tiġiha skond il-Liġi mill-eredita' tal-imsemmija Dolores Portelli;

Illi billi fid-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha Dolores Portelli eċċediet is-sehem li minnu setghet tiddisponi, l-attriċi trid li dawk il-legati jiġu mnaqqsa sabiex tkun tista' tiġi lilha assenjata l-leġittima .  L-attriċi qegħda tikkontesta li l-legati rimuneratorji mhollija minn Dolores Portelli kienu ġustifikati .

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Taħtar amministratur sabiex jamministra l-beni ppossjeduti in komun bejn il-kontendenti ai termini tal-artikolu 494 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta .

2. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġia' ezistenti bejn l-imsemmija George u Dolores konjuġi Portelli billi jiġi ddikjarat li kienet tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża .

3. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata, f'żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-assi partikolari tal-konjuġi Portelli .

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' George Portelli billi jiġi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-oħra kollha mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża .

5. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' George Portelli f'seba' porzjonijiet li jiġu assenjati waħda kull wiehed lill-kontendenti .

6. Kemm-il darba jirriżulta li l-beni tal-imsemmi George Portelli jew uħud minnhom ma humiex diviżibbli tordna l-bejgħ tal-istess b'liċitazzjoni sabiex ir-rikavat jiġi pperċepit mill-kontendenti ugwalment bejniethom .

7. Tillikwida l-assi partikolari tal-imsemmija Dolores Portelli billi jiġi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-oħra kollha mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża .

8. Tillikwida u tassenja lill-attriċi l-porzjon riservata lilha mill-Liġi bħala leġittima mill-assi ereditarji ta' ommha u dan anki billi jiġu ridotti u mnaqqsa il-konsistenzi tal-legati favur Lawrence Portelli u George Portelli ai termini tal-artikolu 647 sa 653 tal-Kodiċi Ċivili .

9. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' diviżjoni u assenjazzjoni ta' leġittima f'dik id-data, ħin u lok li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinħatru sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata f'Marzu 1998 u tal-ittra interpellatorja spedita fl-4 ta' Frar, 1998 .

Il-konvenuti huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attriċi, konfermata bil-ġurament tagħha .
Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Portelli li eċċepixxa :

1. Illi għar-rigward it-talba tal-attriċi sabiex jinħatar amministratur skond id-dispost tal-artikolu 292 tal-Kap 16, tal-Liġijiet ta' Malta, il-konvenut jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi pero' l-amministratur ma jistax f jieħu f'idejh il-fond bin-numru 90, 91, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Għawdex u dana peress illi l-istess fond ilu mill-1959 mikri lill-konvenut, Lawrence Portelli bħala r-residenza tiegħu ;

2. Illi l-konvenut, Lawrence Portelli ma jopponix ruħu għall-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi ereditarji tal-missier, George Portelli, purche' li l-ewwel jiġu vverifikati l-kwoti rispettivi tal-kontendenti u l-konsistenza tal-assi .

3. Illi dwar it-talba tal-attriċi sabiex tikkonsegwixxi l-leġittima lilha dovuta skond il-Liġi mill-assi ereditarji ta' ommha, Dolores Portelli, l-esponenti jissottometti bir-rispett li ma għandu jkun hemm l-ebda riduzzjoni tal-legat remuneratorju imħolli lilu u dana peress illi għal żmien twil huwa u l-membri tal-familja tiegħu pprestaw diversi assistenzi, kuri u serviġi lill-mejta Dolora Portelli, liema serviġi, kuri w assistenzi ġew rikonoxxuti mill-mejta Dolores Portelli fit-testment tagħha u qatt ma jista' jingħad li b'xi mod huma eċċessivi ;

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Antonia mart Joseph Saliba, Pawla mart Joseph Schembri, Josephine mart Anthony Cassar u Maria mart Luigi Grech, li eċċepew :

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti b'diversi noti preżentati quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja tagħha rrinunzjaw għas-suċċessjoni ta' ommhom Dolores Portelli, u għalhekk ma humiex il-leġittimi kontradritturi tat-talbiet attriċi għal dak illi jirrigwarda din is-suċċessjoni . Għalhekk huma ma għandhom ibatu ebda parti mill-ispejjeż u ma jgawdu ebda parti mill-benefiċċju relattiv għal din is-suċċessjoni;

2. Illi fit-tieni lok, l-esponenti jaderixxu għat-talbiet attriċi għal dak illi jirrigwarda s-suċċessjoni tal-missier George Portelli, salv il-verifika tal-kontenut tal-assi ereditarji ;

3. Illi rigward il-kontenut tal-legat imħolli mill-omm Dolores Portelli lil Lawrence u George Portelli bis-saħħa tal-ewwel artikllu tat-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Michael Refalo għandu jiġi rilevat illi l-fond numri sebghin u wieħed u sebgħin (70 u 71) Triq l-Isptar San Giljan, Fontana ma jappartjenix esklussivament lill-assi parafernali tal-omm iżda in maggjor parti tiegħu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn il-missier. Issa dan it-testment ma jikkontjenix dikjarazzjoni illi l-omm taf illi dan il-fond ma jappartjenix esklussivament lilha, kif rikjest mil-liġi, u għaldaqstant dan il-legat, in kwantu jolqot beni altrui ma jagħmilx stat fil-konfront tal-esponenti .

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Maria Assunta Grech .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut George Portelli li eċċepixxa :

1. Illi l-eċċipjenti jopponi ruħu għall-ewwel talba attriċi stante li ma hemm ebda lok li jiġi maħtur amministratur tal-wirt b'piż u spejjeż żejda fuq l-istess wirt u għar-rigward tal-fond numru sebghin (70), Triq L-Isptar San Ġiljan, Fontana, li huwa fil-pussess tal-eċċipjenti, huwa għandu l-maġġjor parti tal-ishma f'dan il-fond u ċioe' disgħa minn erbatax ( 9/14 ) il-partijiet indiviżi u bil-fatt li l-fond jinsab fil-pussess tiegħu u fih m'hemm ebda oġġett mobbli ta' valur li jappartjeni lill-wirt, l-eċċipjenti mhu ser jarreka ebda ħsaraa jew preġudizzju lill-attriċi ;

2. Illi għar-rigward tat-talbiet l-oħra, l-eċċipjenti la jopponi ruħu u lanqas qatt ma oppona ruħu għal diviżjoni bonarja tal-assi ereditarji tal-mejtin George u Dolores ġia' konjuġi Portelli, li jiġu l-ġenituri tal-kontendenti, u lanqas ma ċaħħad jew qiegħed jiċħad lill-attriċi mid-dritt tagħha li tieħu l-leġittima skond il-liġi mill-wirt ta' ommha Dolores Portelli, iżda dan bla preġudizzju għad-dritt tiegħu li huwa qiegħed iżomm ferm, li jiġi kkumpensat adegwatament għas-serviġi, kuri u assistenzi reżi minnu lil ġenituri tiegħu, u salv ukoll li qabel tiġi stabbilita u verifikata l-konsistenza tal-assi tal-wirt u l-kwota li kull wieħed u waħda mill-kontendenti għandhom minn dan il-wirt ;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu maħlufa.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Frar 1999 fejn ġie nominat l-A.I.C. Edward Scerri bħala perit tekniku .

Rat ir-rapport ta' l-espert minnha nominat ppreżentat fil-5 ta' Mejju 2000 u minnu maħluf fil-5 ta' Diċembru 2000 .

Rat in-nota ta' l-attriċi tat-12 ta' Ġunju 2000 fejn, billi ħassitha aggravata bil-konkluzjonijiet tal-perit tekniku talbet il-ħatra ta' periti addizzjonali .

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Marzu 2001 fejn ħatret lill-A.I.C. Joseph Mizzi, l-A.I.C. Gordon Vella u l-A.I.C. John Rizzo Naudi bħala periti addizzjonali .

Rat ir-rapport ta' l-istess periti addizzjonali ppreżentat fl-4 ta' Marzu 2004 u maħluf mill-A.I.C. Vella u Mizzi fid-19 ta' Novembru 2004 u mill-A.I.C. Rizzo Naudi fil-21 ta' Jannar 2005 .

Rat il-verbal tagħha tas-16 ta' Novembru 2004 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob il-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi ereditarji ta' missierha, li minnhom hija wirtet wieħed minn seba' (1/7) partijiet indiviżi, kif ukoll il-leġittima mill-beni ta' ommha, fi kwota ta' wieħed minn erbatax (1/14) il-parti, peress illi kienu sebat'aħwa[1] .

Irriżulta illi permezz tat-testment *unica carta* li kien sar mill-ġenituri tagħha fid-29 ta' Mejju 1974[2], l-attriċi, flimkien mas-sitt ħutha l-oħra kienet ġiet istitwita ko-eredi tagħhom . Imma b'testment ieħor li kienet għamlet l-omm in segwitu għall-mewt tar-raġel tagħha, hija kienet emendat it-testment preċedenti għal dak li jirrigwarda sehemha u ħalliet bi prelegat lill-konvenuti Lawrence u George aħwa Portelli nofs indiviż kull wieħed mill-fond numri sebgħin (70) u wieħed u sebgħin (71) Hospital Street, Victoria, bil-mandra annessa[3] . Madankollu jidher illi hemm qbil bejn il-kontendenti illi l-fond numru 71 jappartjeni lil terzi,[4] u li l-fond l-iehor numru 70 ma kienx jappartjeni esklussivament lil omm il-kontendenti, imma lill-komunjoni ta' l-akkwisti ġia

[1] Art. 616 (I) tal-Kap. 16 .
[2] Atti Nutar Dr. Antonio Galea.: Dok. B a fol.7 tal-process .
[3] testment tat-.22.9.1987 in atti Nutar Dr. Michael Refalo a fol. 9 .
[4] ara verbal tas-seduta peritali tal-11.1.2000 a fol. 44 .

eżistenti bejn il-ġenituri tagħhom[5] . Għalhekk, kif tajjeb qalu l-konvenuti Antonia Saliba et. fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, ġialadarba ommhom ma ddikjaratx fit-testment tagħha tat-22 ta' Setembru 1987 li kienet taf illi dan il-fond ma jappartjenix esklussivament lilha, jiġi illi hija ddisponiet biss minn sehma mill-istess fond a favur ta' uliedha s-subien[6] . In-nofs l-ieħor jappartjeni għalhekk lill-kontendenti kollha bħala eredi ta' missierhom .

Permezz ta' nota ppreżentata quddiem din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Volontarja tagħha l-attriċi rrinunzjat għall-wirt ta' ommha, filwaqt illi żammet ferm id-dritt tagħha għall-leġittima spettanti lilha skond il-liġi fuq l-assi ta' ommha . Infatti permezz tal-kawża preżenti qed tfittex li tieħu l-leġittima fuq dawn l-assi ta' ommha . Ħutha l-bniet, il-konvenuti Antonia Saliba, Pawla Schembri, Josephine Cassar u Maria Grech, rrinunzjaw ukoll għall-wirt ta' ommhom,[7] imma ma fittxewx għall-leġittima .

L-assi tal-mejjet George Portelli, missier il-kontendenti, ġew stabiliti li kienu jikkonsistu f'nofs indiviż mis-segwenti :

1. Id-dar residenzjali bin-numru sebgħin (70) Triq l-Isptar, San Giljan, Fontana, Għawdex, stmata mill-ewwel perit tekniku tal-valur ta' disa'telef lira maltija (Lm9,000);[8] u mill-periti addizjonali elfejn u ħames mitt lira maltija (Lm2500);[9]
2. Id-dar numri wieħed u disgħin (91) u tnejn u disgħin (92), Triq l-Isptar San Giljan, Fontana; stmata mill-ewwel perit tal-valur ta' tmient elef u ħames mitt lira (Lm8500) bħala mikrija u sittax-il elf lira maltija (Lm16,000) bħala battala,[10] u mill-periti addizjonali tal-

[5] ara Nota tal-konvenut George Portelli tat-2.4.2003 a fol. 61 .
[6] art. 696(I) tal-Kap. 16 .
[7] ara Noti rispettivi Dokti. E, F, G u H esbebiti man-Nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom a fol. 30, 31, 32, 33 .
[8] ara rapport peritali a fol. 42 .
[9] ara rapport relattiv a fol. 85 tal-process .
[10] ara rapport ta' l-ewwel perit a fol .42 .

valur ta' elfejn lira maltija (Lm2000) bħala mikri u sittin elf lira maltija (Lm60,000) bħala battal[11].

L-assi tal-mejta Dolores Portelli, omm il-kontendenti, ġew stabiliti li jikkonsistu fin-nofs indiviż l-ieħor ta' l-istess beni mmobbli .

Il-kontendenti  jidhru li qablu mal-konsistenza ta' dawn l-assi . L-anqas jidher illi hemm kontestazzjoni illi l-fond bin-numru 91, 92, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, huwa mikri lill-konvenut Lawrence Portelli w ilu hekk mikri minn missier il-kontendenti minn meta l-istess konvenut mar jirrisjedi fih, wara li sar il-bini tiegħu sa mill-inqas is-sena elf disa' mija u sittin (1960).[12]  Dwar il-valur ta' dawn l-assi l-Qorti trid toqgħod fuq dak stabilit mill-periti addizzjonali, anke minħabba l-fatt illi kienet l-istess attriċi li kkontestat l-ewwel rapport u talbet il-ħatra ta' dawn il-periti addizzjonali .

Fin-noti ta' l-eċċezzjonijiet rispettivi tagħhom, il-konvenuti Lawrence u George aħwa Portelli jinsistu illi għall-iskop ta' likwidazzjoni tal-leġittima dovuta lill-attriċi għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni s-serviġi allegatament minnhom resi lil ommhom .  Imma dwar dan ma nġiebu ebda provi u għalhekk il-Qorti m'hu ser tieħu ebda konsiderazzjoni ta' xi riduzzjonijiet li altrimenti setgħu jsiru f'dan ir-rigward, li kieku nġabu dawn il-provi .

Għalhekk id-diviżjoni tal-beni provenjenti lill-aħwa Portelli mill-eredita' ta' missierhom, u peress illi huwa ovvju li dawn  il-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant kontendenti, għandha ssir billi n-nofs indiviż mid-dar numri 91, 92 u l-oħra numru 70, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Għawdex, jinġiebu għall-bejgħ in liċitazzjoni, bid-dar numru 91, 92, fl-istess triq kif suġġetta għad-dritt ta' lokazzjoni a favur  tal-konvenut Lawrence Portelli, sabiex ir-rikavat, imbagħad jinqasam ugwalment bejn is-sebat'aħwa .

[11] ara rapport relattiv a fol. 84 .
[12] ara kopji ta' l-ircevuti tal-kera esebiti a fol. 94 - 118. .

L-assi ta' Dolores Portelli għall-fini tal-komputazzjoni tal-leġittima dovuta lill-attriċi jlaħħqu n-nofs tal-valur stabilit mill-periti addizzjonali fir-rigward tal-beni li kienu jappartjenu lill-ġenituri tal-kontendenti, u ċioe' n-nofs tal-valur tad-dar 91, 92, Triq l-Isptar, stmata kif mikrija lill-konvenut Lawrence Portelli, fil-prezz ta' Lm2000 u n-nofs tal-valur tad-dar l-oħra numru 70, Triq l-Isptar, stmata Lm2,500: 1/2 of Lm4500 = Lm2250 . Billi l-attriċi kienet waħda minn sebat'aħwa, l-leġittima dovuta lilha hija ta' wieħed minn erbatax (1/14) il-parti ta' dawn l-assi u ċioe' : mija u sittin lira maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm160.71) .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi :

1. tiċħad l-ewwel talba billi llum ma baqa' ebda skop għaliha ;

2. tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejtin George u Dolores Portelli kienu jikkonsistu fid-djar numru 91, 92, Triq l-Isptar San Giljan, u d-dar numru sebgħin (70) fl-istess Triq, it-tnejn fil-Fontana, Għawdex .

3. tilqa' t-tielet talba ;

4. tilqa' r-raba talba u tillikwida l-beni partikolari ta' George Portelli billi tiddikjara li dawn jikkonsistu f'nofs indiviż mid-djar imsemmija, tal-valur sehem id-decujus minn dawn id-djar fis-somma ta' elfejn mitejn u ħamsin lira maltija (Lm2250) ;

5. tiċħad il-ħames talba billi dawn il-beni mhumiex komodament diviżibbli ;

6. tilqa' s-sitt talba billi tordna l-bejgħ in liċitazzjoni ta' sehem id-decujus George Portelli minn dawn il-beni, kif deskritti u stmati mill-periti addizzjonali, sabiex ir-rikavat jiġi perċepit mill-kontendenti ugwalment bejniethom ;

7. tilqa' s-seba' talba, tillikwida l-beni partikolari ta' Dolores Portelli u tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs indiviż tad-djar hawn fuq imsemmija, ġia appartenenti l-komunjoni ta' l-akkwisti ma' żewġha, ammontanti b'kollox għal valur ta' elfejn mitejn u ħamsin lira maltija (Lm2250) ;

8. tilqa' t-tmien talba u tillikwida l-leġittima dovuta lill-attriċi fuq il-wirt ta' ommha billi tiddikjara illi din tikkonsisti f' wieħed minn erbatax-il parti (1/14) ta' dawn l-assi u għalhekk fis-somma ta' mija u sittin lira maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm160.71) u tordna lill-konvenuti Lawrence u George Portelli bħala uniċi eredi ta' ommhom sabiex iħallsu lill-attriċi l-leġittima dovuta lilha kif hekk likwidata ;

9. tiċħad id-disa' talba, billi d-diviżjoni ta' l-assi ta' missier il-kontendenti trid issir permezz ta' liċitazzjoni kif ġia ngħad, u l-leġittima dovuta lill-attriċi fuq l-assi ta' ommha trid titħallas fi flus kontanti biss .

L-ispejjeż, kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mad-diviżjoni tal-beni ta' George Portelli, għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti kollha, filwaqt illi fir-rigward tal-leġittima dovuta lill-attriċi, l-ispejjeż relattivi jkunu a karigu tal-konvenuti Lawrence u George Portelli biss bħala uniċi eredi ta' ommhom .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------